# IL-GROTTA TA' SAN PAWL TAR-RABAT

(*Torbot mal-għadd ta' qabel*)

III — X'KIENET IL-GROTTA

X'kienet sewwa l-Grotta tar-Rabat, fiż-żmien li San Pawl ġie Malta? Għax hemm min jgħid li kienet ħabs, u hemm min jgħid li kienet l-egħmara ta' San Pawl, u l-ewwel knisja ta' Malta. Donnu li hemm truf biżżejjed biex wieħed jgħid li kienet kollox: egħmara ta' San Pawl fiż-żmien li kien Malta, l-ewwel knisja, fejn kien jilqa' x-Xjuħ, jew *Presbiteri* tal-Insara l-ġodda u jgħallimhom kif jagħmlu l-Laqgħat jew *Għaxat ir-Rabb* (li minnhom ġejja l-quddiesa), u kif għandhom iġibu ruħhom u x'għandhom jagħmlu wara li jitlaq hu. U biex ma jinqalax għakkux, il-grotta fejn għażel biex joqgħod, kienet tgħaddi bħala ħabs. Ejja naraw ittruf li jġiegħlu lil min jaħseb hekk.

Għedna l-ewwel li l-Imdina fiżżmien li ġie San Pawl kellha tliet bibien, u l-bieb tan-nofs tagħha, il-bieb l-ewlieni, kien qiegħed, qisu, bejn il-bieb tal-knisja ta' San Pawl tal-lum, u l-Ħofra, u l-istatwa taċ-Ċimiterju. Dawk iż-żmenijiet ma kienx hemm Pulizija, għalhekk is-suldati kienu jagħmluha ta' Pulizija huma, bħal ma jidher li San Pawl u sħabu fuq il-ġifen kienu mgħassin minn suldati, mamura minn fizzjal rajjes ta' mija, li għalhekk kienu jgħidulu Ċenturjun. Għalhekk ħada kull bieb ta' belt kien ikun hemm bħal fortizza żgħira, jew kwartier tas-suldati, li kien qisu wkoll għassa tal-Pulizija. Is-suldati ta' ġewwa fih kienu jagħmlu l-għassa mal-bieb, jiftħuh fil-għodu u jagħlquh fil-għaxija, u billi jkun hemm ma' ġenbu s-suq, kienu joqogħdu jduru fih biex in-nies, il-bejjiegħa u x-xerrejja, ma jiġġieldux u ma jkunx hemm xi ħalliel li jaħtaf xi ħaġa. Taħt l-art, qrib il-bieb tal-belt kien ikun hemm ħabs, biex jekk ikun meħtieġ li s-suldati jżommu lil xi ħadd, jixħtuh malajr hemmhekk.

Dan għadu jidher fl-artijiet Xemija barra minn Malta u saħansitra Malta wkoll. Meta tkun dieħel l-Imdina tal-lum, fix-xellug tal-bieb, ġewwa, għadu hemm il-borg tal-għassa, u fil-lemin, għadu hemm il-ħabs. Fiżżmien il-gwerra li għaddiet dal-ħabs kienu fetħuh u kien jaqdi bħala xelter. Għadu bil-kmamar żgħar ma' tul kuridur, titla' fihom minn xi tlitt tarġiet, u f'nofs il-kuridur hemm bir. Naħseb li hawn ħafna nies li rawħ fi żmien il-gwerra. Jiġifieri din tal-għassa u l-ħabs ma' ġenb bieb il-belt, m-ilhiex wisq li nqatgħet minn Malta.

Issa, taħt il-bieb tan-nofs tal-belt il-kbira ta' Malta fi żmien San Pawl (dak li għedna li kien hemm fil-qrib fejn il-knisja), hemm ukoll ħabs. Taħt l-art hemm żewġ swali kbar, imħaffra fil-blat, daqs xulxin u mniffda b'bieb ma' xulxin, tgħaddi għalihom, issa minn mogħdija dejqa fit-traġ tal-knisja tal-Madalena, biswit il-Grotta ta' San Pawl sewwa. Sala minnhom, ta' ġewwa, fiha għadd

ta' mrabat fil-blat (sitta sħaħ, u hemm il-miksura wkoll), li ma kienux għal bhejjem, għax ma hemmx imxatar taħthom.

Hada l-bieb ta' Ġerusalemm ta' żmien Adrijanu, hemm ukoll fortizza u ħabs (il-ħabs issa qiegħed għand il-qassisin Griegi, u jgħidulu l-Ħabs ta' Kristu, għalkemm meta sar, il-Bambin kien ilu mejjet ftit anqas minn mitt sena !). Fuq Sijon, Ġerusalemm għax li kienu għal bhejjem, taħthom kien ikun hemm il-ħwat fejn iqiegħdulhom l-għalf biex jieklu u l-ilma biex jixorbu, imma ħwat ma hemmx u l-imrabat qegħdin fil-għoli wisq. Kull marbat fih l-atar li kien marbut fih xi ħabel, u min kien ikun marbut fih kien jitħabat, għax il-għerwa tal-marbat mittiekla, u m'hix mittiekla naħa waħda, imma kull imkien.

Hemm marbat minnhom qiegħed



*Biċċa mill-foss tal-Imdina ta' żmien San Pawl, li kienu jgħidulha "Melita". Ritratt meħud mit-tieqa tas-"Sala Parrocchiale", ir-Rabat.*

ukoll, taħt il-knisja tar-Rhieb Assunzjonisti li jgħidulha ta' San Pietru *in Gallicantu*, hemm kuridur maqtugħ fil-blat bl-imrabat bħal tar-Rabat, li dawk ir-Rhieb iżommu li kien ħabs ta' żmien il-Lhud. U l-Lhud tal-Palestina u l-Kangħanin ta' Malta kienu qraba ta' xulxin u drawwiet jixxiebħu kellhom qabda.

Dawk l-imrabat kienu biex jorbtu fihom lin-nies il-ħorox, u dan jidher m'ogħla bniedem sewwa, donnhom kienu jorbtu xi raġel fih bil-wieqfa, b'idejh fuq rasu. Hemm żewġ imrabat quddiem xulxin, marbat ogħla mill-ieħor, donnhom kienu jorbtu fihom lil xi ħadd minn idejh u minn saqajh, imdendel bħal benniena. Taħt hemm ħanek fil-blat, u fil-ħanek ħofra kbira (issa miksura) li tistħajjel li kienu jimlewha bl-ilma biex dak l-imsejken li kien marbut hemm,

kien ikollu maqagħdu fl-ilma, biex aktar ibati, l-iżjed jekk kienu jħalluh hekk xi lejl sħiħ.

Billi dawn l-egħrien tal-ħabs huma mħaffra fil-blat ta' taħt is-sur, ġewwa l-foss (jiġifieri qegħdin fl-iskarpa) aktarx li n-nies il-maħlula li kienu jinżammu hemm kienu jitħallew joħorġu għall-arja ġewwa l-foss innifsu, bħal ma kienu l-maqbudin tal-gwerra tal-1914-1918 fil-foss ta' Verdala, hawn Malta. Kienu jkunu



*Statwa ta' San Pawl fil-Grotta tar-Rabat, minn fejn jittieħed it-trab li jingħad li huwa duwa li tfejjaq il-ġdim tas-sriep.*

hemm ma' ġenb il bieb tal-belt, għal bil-għani, biex aktar jarawhom in-nies u jibżgħu jagħmlu xi ħtija meta jifhmu kemm ikollhom ibatu jekk wara jinqabdu. Aktarx li mill-wisa' tiegħu l-foss kien ikun magħluq b'ħajt għoli, biex ma jaħarbux, u fuq xfar il-foss kien ikun hemm il-għassa. Xi mkejjen għadu jsir hekk issa wkoll, għax qalli wieħed li kien fil-*Merchant Navy*, f'belt jisimha Navarin, fil-Greċja hu ra b'għajnejh ħabs hekk, u n-nies jistgħu jmorru jħarsu lejn il-miżmumin, u jixħtulhom is-sigarretti.

Mela, billi dan il-ħabs tal-belt il-kbira ta' Malta jinsab ġewwa foss wieħed, fejn kienet (u għadha) il-Grotta li ġewwa fiha kien jgħammar San Pawl, u quddiema sewwa, jidher li din ukoll kienet magħduda bħala ħabs, għad li fis-sewwa ma kenitx. Hekk, meta kienu jaslu Ruma, ħadd ma kien jista' jixli liċ-Ċenturjun li wieħed fosthom ħallieh barra u ma żammux ma' l-oħrajn. Imbagħad San Pawl kien *civis Romanus*, u nsab hemm fuq il-liġi Lhudija, mhux fuq il-liġi Rumana. Għax ma kellux ikun imbiegħed mill-qattiela u l-ħallelin?

## IV — XOGĦOL TA' SAN PAWL F'MALTA

San Luqa li kien ma' San Pawl, fuq ix-xogħol u l-qagħda tiegħu hawn, ma qalx ħlief żewġ ħwejjeġ: li San Pawl fejjaq il-morda kollha ta' Malta (Atti XXVIII, 9) u l-Maltin għabbewh b'kull ma kien jeħtieġ qabel ma telaq mill-gżira (ibid., 10). Issa aħna naraw ftit jekk hemmx raġuni biex wieħed jifhem li għamel xi ħaġa aktar minn hekk.

Meta tqabbel flimkien kliem San Luqa fl-Atti u l-għidut tal-Maltin, l-ewwel ħaġa li tolqtok hi l-*improbabiltà* li San Pawl wara li fejjaq lill-missier jew iben (għax f'xi manuskritti hekk kemm miktub) il-Ħakem tal-gżira, imur joqgħod, minn rajh jew għax bagħtuh, ġewwa grotta taħt l-art fil-foss tal-belt, u m'hux jinżamm fil-palazz tal-Ħakem, bħal ma kien jixraqlu u jistħoqqlu. Imma din l-*improbabiltà* tisfa fix-xejn meta

taqra, ftit jew wisq bil-ħsieb, l-Atti tal-Appostli u l-Ittri li kiteb San Pawl in-nifsu, kif sa naraw hawnhekk.

San Pawl kien raġel ta' klassi għolja. Kien *civis Romanus* (Atti, XVI 37, u XXII, 25-29 XXIII., 27) għalhekk ma satax ikun ħlief iben ta' familja għanja. Kien raġel ta' skola kbira (Atti, XXVI, 24) li f'pajjiżu tgħallem iċ-ċiviltà Griega (Atti, XXI 37, 38, 39); u f'Ġerusalemm tgħallem daqs hekk ieħor id-Djiena tal-Lhud (Atti, XXII, 3). Għal dan, minn kliemu u minn egħmilu, naraw li San Pawl kellu biex ikun, u kien tassew, raġel imkabbar, u hekk ukoll, imqarqaċ u *indipendenti.* Kull fejn sata' dejjem ried jieħu l-jedd tiegħu, u għal hekk tlewwem, jew iġġieled, ma San Pietru (Ittra lil Galatin, II, 11, sal-aħħar) u kellu xi jgħid sewwa ma' San Barnabaw (Atti, XV, 37-39). Kien jaħdem b'idejh huwa n-nifsu biex jaqla' x'jiekol, hu u dawk li jkunu miegħu (Atti, XX, 34; I Thess, II, 9; II Thess., II, 8; I Kor., IV, 12) biex ma jkun obligat lejn ħadd, u kien joqgħod b'għajnejh miftuħa biex b'egħmilu ma jagħmelx




*Pjanta tal-Knisja ta' Sta. Madalena u s-sotterani li hemm magħha qrib il-Grotta ta' San Pawl. A - A: Knisja taħt l-art ta' Sta. Madalena; B - B: Ħabs; C - C: Ħabs tal-Ħorox; a - a: Taraġ għal ġewwa l-Knisja; b - b: Bank maqtugħ fil-blat; d: Altar; m - m; Imrabat; e: Mogħdija għal ġewwa l-ħabs; n - n*ff *Radam; l: Nifda fis-saqaf; ġ - ġ: Taraġ minn taħt l-art għal ġewwa ċ-ċimiterju, wara l-istatwa li minnu jingħad li kien jitla u jinżel San Pawl; i - j kurudur; h: ħawt ta' l-ilma ġieri.*

ħsara lil għajru (Atti, XVI, 25-28): (I Kor. VII, 13 u IX kollu) u jfittex dak li jaqbel għalihom. (I kor. X, 24. U ara wkoll Atti, XIX, 30). Ma kienx iħobb jisma' milli jgħidulu, imma jagħmel dejjem dak li jidhirlu hu (Gal. II, 5, 6; Atti XXI 10, 11).

Issa, minn raġel bħal dan x'tistenna? Kieku talbuh joqgħod fil-qasar, jew *palazz* tal-Kbir ta' Malta (bħal ma aktarx għamlu) ċert u ħaqq, li ma kienx irid, għax la darba hu kien priġunier, ta' hekk kien irid iżomm ruħu; anqas ma kien jaqbel idaħħal fit-tiġrib liċ-ċenturjun, jiġifieri lil dak il-fizzjal li kien fi ħsiebu, billi sata' jkun hemm xi ħadd li meta jaslu Ruma jixlih, li lil wieħed mill-priġunieri ma żammux bħall-oħrajn. Għal hekk, dan jaqbel kollu mal-karattru ta' San Pawl, li hu minn rajh ried joqgħod f'dik il-grotta, ġewwa l-foss fejn kien hemm il-ħabs, u hekk isodd ħalq kull ħadd, u jaqdi l-indipendenza tiegħu. Sa hawn fuq il-grotta.

San Luqa kiteb li kull min kellu xi marda f'Malta, mar quddiem San Pawl, u fejqu (Atti, XXVIII, 9). Issa int jidhirlek li dan hu xogħol ta' malajr? Biex jisimgħu b'San Pawl il-Maltin kollha, ried jgħaddi ftit tażżmien sewwa, u trid taħseb li kienet ix-xitwa, u min-nħawi l-bgħida, innies kellhom imorru l-Imdina bil-mixi jew fuq xi ħmar. Għal dan trid tgħiss xi nhar xemxi, u m'hux tmur fixxita u l-marid ixxarbu, u għandu l-ħila jmutlek fit-triq. U hekk għandna naħsbu li San Pawl meta kien Malta, kull meta kienet tkun ixxemx kien iħejji ruħu, għax kien jobsor li qabel nofs inhar kellu jara l-morda ġejjin.

San Pawl kien ifejjaq lin-nies m'hux bid-duwa; billi jqiegħed idejh fuq il-marid u jitlob 'l Alla; (Atti, XXVIII, 8). Taħseb li l-Maltin ma kenux isaqsuh ma' min kien ikun jitħaddet meta jħares lejn is-sema u jitkellem minn taħt il-lsien? U jekk hu kien jgħidilhom, bħal ma kienet ħaġa naturali li jagħmel, kien ifisser li kien iħabbar lil Ġesù Kristu u 'l Alla Wieħed, Alla tas-Sewwa, jiġifieri li kien jgħallem id-Din Nisrani.

Għedna qabel li dik il-biċċa talfoss, qrib il-bieb, kienet tagħmel malħabs tal-Imdina l-qadima, u għal hekk kienet magħluqa u mħarsa missuldati, ħada bieb il-belt u fuq ilħitan. Għal dan ma satax ikun li rajjes il-għassiesa jħalli għadd kbir ta' nies jinżlu hemm isfel. F'dan ukoll it-tradizzjoni tar-Rabat taqbel perfettament mal-veru, għax hemm jingħad li San Pawl kien jippriedka, mhux ġewwa l-grotta, imma fejn illum hemm l-istatwa, fejn dari kien ftit 'il ġewwa mill-bieb tal-belt. Dan huwa tassew l-aktar maqgħad li jaqbel mas-sewwa, għax hemm kien il-misraħ ta' quddiem bieb il-belt, fejn kien hemm l-aktar wisa'.

U San Pawl ma kienx jeħtiġlu jitbiegħed mill-għassa biex ikellem lil Maltin, għax hemm kien qrib il-ħabs, taħt il-ħajt tal-borġ tal-għassa.

Nisthajluna, mela, li konna xi darba f'dak il-misraħ, f'xi għodwa xemxija tax-xitwa. Jibdew jinġemgħu n-nies. Xi wieħed minnhom imur ikellem lir-rajjes tal-għassa, hemm ġewwa l-borġ jitolbu jħallih jara lil dak il-priġunier li jismu Pawlu, u dak igħidlu jistenna ftit. Jerġgħu jmorru oħrajn u jgħidilhom jistennew, sa ma jinġabru għadd ta' nies kbir sewwa. Imbagħad ir-rajjes jibgħat suldat jgħajjat lil Pawlu. Dan jinżel it-taraġ ta' ġewwa l-borġ, għal kamra ta' quddiem il-ħabs, joħroġ u jaqsam il-foss, jidħol il-grotta, fejn

San Pawl ikun bil-qiegħda ma' xi żewġt iħbieb jew tlieta, u jgħidlu: "Ja sid, fil-misraħ hemm għadd ta' nies iridu jkellmuk". San Pawl iqum, jimxi wara s-suldat. Jaqsam il-foss, jidħol il-kamra u jitla' t-taraġ għal ġewwa l-borġ, u jixref fil-bieb. Il-Maltin jiġru lejh kollha f'daqqa, imma s-suldati jżommuhom. San Pawl jarfa' jdejh biex jisktu, kif kienet id-drawwa tiegħu, qabel ma jitkellem (Atti XXI, 40). Kif jisktu jgħidilhom, bil-Kangħani: "Oqgħodu sarbut, wara xulxin, u ġibuli l-morda li għandkom, wiehed wieħed!"

U jibdew iġibulu l-morda quddiemu, u jqiegħed idejh fuq rashom u jfejjaqhom. Meta jkunu fiequ kollha, jitla' fuq li-ġebla fejn jinqraw l-bandijiet tal-Ħakem (xi ħaġa bħal ġebla ta' Ermolaos, li nsabet ftit snin ilu f'taċ-Ċagħki), u jibda jkellimhom: "Irġiel ta' Malta, għalkemm l-art tagħkom hija art żgħira, u intom poplu ta' ftit nies, għoġob lil Alla l-Veru, li jaħseb fikom bikri, u jibgħat lili biex ngħarrafkom bil-miġja fid-dinja tal-Iben Tiegħu l-Wieħed; itilqu mela 'l Allat mejta, li kontu tqimu s'issa, u ibdew qimu 'l Alla Ħaj. Isimgħu kliemi, u tgħammdu bil-magħmudija tal-maħfra, u jien nitlob għalikom biex tinżel fikom Ruħ il-Qodos, u jkollkom sehem fil-Ħajja ta' bla tmiem!......"

## V — L-EWWEL KNISJA TA' MALTA

Milli għedna s'issa jidher ċar li l-Grotta ta' San Pawl tar-Rabat hija l-ewwel knisja Nisranija ta' Malta. Imma m'hux bħal ma jridu jfiehmu xi kittieba, li jgħaġġbuha ż-żejjed billi jgħidu li San Pawl ikkonsagraha u kien iqaddes fiha, u jgħallem fiha t-Tagħlim Nisrani lil ġemgħat. Għax dak iż-żmien ma kenux jikkonsagraw il-knejjes bir-raxx tal-ilma mbierek, bis-slaleb taż-żejt mal-ħitan, bil-kant tal-Litanija t-twila u bir-rmied fil-qiegħa tal-art, kif jagħmlu llum.

Il-Grotta kienet tassew imqaddsa, jiġifieri *kkonsagrata,* u dan bil-qagħad ġewwa fiha ta' San Pawl, l-akbar wieħed fost l-Appostli ta' Kristu, li fih kienet tgħammar bil-milja tagħha kollha Ruħ il-Qdusija, jiġifieri Alla n-Nifsu, għalhekk ma setgħetx tingħata taqdisa akbar minn din. San Pawl kien jgħallem fiha tassew, imma mhux lil kulħadd; lil Presbiteri, jew ix-Xjuħ tal-Insara biss, il-ftit il-magħżulin, li f'Malta kollha setgħu kienu tmienja, jew għaxra, jew l-aqwa l-aqwa tnax. Għax fl-ewwel żmienijiet tal-knisja hekk kienu jagħmlu l-Insara, jagħżlu fosthom l-aktar raġel tajjeb u għaref u għaqli u ta' isem bla mittiefes b'ebda għajb li jaf jaqra u jikteb (u li jkollu dar kbira ġmielha u jkun xi ftit għani, biex fejn ma jwassalx ix-xlief tal-Ġemgħa, iwassal ix-xlief ta' dan), u jagħmluh Xiħ, jew Presbiteru tagħhom (ara Atti VI, 1-6, fuq San Stiefnu u sħabu). Lil dawn, ħaġa naturali, San Pawl kien jgħallimhom kif jagħmlu t-Tfakkira tal-Aħħar Għaxa, jew iċ-Ċena ta' Kristu, jiġifieri l-Ewkaristija, li minnha bdiet il-Quddiesa ta' daż-żmien.

Din l-aħħar Ċena, jew Għaxa, ta' Ġesù kienet l-aħħar ikla tiegħu mal-Appostli fil-Għid il-Kbir tal-Lhud, awl il-lejl qabel ma miet. L-ikla kien fiha tliet ħwejjeġ: il-kant tas-Salmi, l-ikel, u t-tagħlim ta' rajjes il-mejda. U hekk kienet it-Tfakkira, jew il-Quddiesa tal-Insara ewlenija. Bdiel is-Salmi kienu jgħannu għana lil Ġesù bħal Alla (ara l-ittra ta' Plinju ż-Żgħir lil Imperatur Trajanu, X, 96,

u d-Didakè IX, X u XVI), imbagħad ix-Xiħ kien jaqsam ftira u jagħti farka minnha lil kull min ikun hemm u jnewwlilhom kies inbid u jixorbu minnu belgħa kull wieħed. Imbagħad bdiel it-tifsir ta' kif l-Iżraelijin ħarġu mill-Eġittu (kif kienu jagħmlu l-Lhud) kien jaqralhom xi silta jew tnejn mill- Evanġelju Mqaddes, u wara żmien ukoll xi naqra mill-Ittri tal-Appostli. Fl-aħħarnett min jista' kien jagħti xi ħaġa tal-flus għat-trobbija tat-tfal iltiema u l-għixien tat-tallaba, li kien iżommhom f'daru dan ix-Xiħ. U barra bid-daqq.

Imma xi ħadd isaqsi: "Kif jista' jkun li rajjes il-għassa Rumija kien iħalli lil San Pawl iniżżel in-nies hemm isfel, ġewwa l-ħabs?" Kien iħallih għal wisq raġunijiet; għax San Pawl kien qiegħed għalih waħdu fil-Grotta t-tajba, fejn jinżammu, meta jkun hemm, in-nies *importanti;* għax in-nies li kienu jinżlu kienu jkunu ftit, minn tmienja sa tużżana, u kienu jkunu l-aktar nies sewwa tal-gżira, li minnhom ma tistenniex twegħir; għax San Pawl ma kienx miżmum għax kiser xi Liġi ta' Ruma imma fuq il-ftietaq tal-Liġi tal-Lhud. U tarġa' San Pawl kien maħbub u meqjum wisq, sewwa miċ-Ċenturjun li ġiebu, kemm ukoll mill-Kbir ta' Malta, li kien joqgħod qrib. X'fiha, mela, billi tħallih iniżżel erbat irġiel xjuħ hemm isfel, joqogħdu jkantaw ftit, jieklu loqma ħobż u jitħaddtu flimkien?

Mela l-Grotta ta' San Pawl tar-Rabat hija tassew l-ewwel knisja ta' Malta, għax fiha San Pawl qaddes wisq drabi fit-tliet xhur li għamel magħna, biex jgħallem lil-Presbiteri, jiġifieri lix-Xjuħ il-magħżulin, u fl-aħħar, qabel ma telaq, tagħhom ukoll is-setgħa li jqaddsu bħalu, u għal-limhom kif kellhom iġibu ruħhom mal-Insara l-ġodda ta' taħthom, meta ma jkunx hawn hu.

Tgħid San Pawl kien jgħammed ukoll ġewwa l-Grotta jew x'imkien ieħor ġewwa l-belt?

Bħal ma nżamm, hekk tajjeb il-għidut ta' fejn San Pawl kien jgħallem lil ġemgħat tan-nies, fejn illum hemm l-istatwa, qrib il-Grotta, kieku kien jgħammed hemm, fil-Grotta jew fil-foss jew x'imkien qrib, għandna naħsbu li ta' dan kienet ukoll tinżamm it-tifkira. Mela, aktarx li le, la darba ta' dan ma ngħad qatt li hemm tifkira mkien. Fuq il-magħmudija aktarx li ġara dan li issa sa naraw hawnhekk.

Fit taraġ li semmejna fit-taqsima ta' qabel, li minn ġewwa l-kamra ta' quddiem, fil-foss kien jieħu għal ġewwa l-borġ tal-għassa, fl-Imdina l-qadima, ma' idek ix-xellugija inti u tiela', ġewwa l-blat hemm imħaffer ħawt. U għal ġewwa fih jagħti kanal tal-ilma, imħaffer fil-blat ukoll, li mbagħad joħroġ min-naħa l-oħra. Issa f'dak il-ktieb Grieg, qadim, li jgħidulu Didakè, taqsima VII (jgħidu li dal-ktieb inkiteb qabel ll-Evanġelji, ara kemm hu antik. Insab Kostantinopli, ftit anqas minn mitt sena ilu) hemm miktub li l-Magħmudija, meta jista' jkun, għandha ssir bl-ilma ġieri, u li jekk ma tistax tgħaddas il-bniedem kollu fl-ilma, biżżejjed issawwablu tliet darbiet l-ilma fuq rasu. Issa, meta San Pawl kien Malta kienet ix-xitwa; mela minn dak il-kanal kien għaddej l-ilma, li jimla' l-ħawt u jibqa' sejjer. Għalhekk aktarx li San Pawl għammed f'dak il-ħawt tat-taraġ lil dawk il-ftit magħżulin, jew Presbiteri, biss, li 'l quddiem kellhom ikunu r-Rjus tal-ġemgħat Insara l-ġodda ġewwa Malta, u mba-

għad dawna, kif San Pawl għammed lilhom, kienu jgħammdu lill-oħrajn. Għalhekk ma baqax ħaj il-għidut fuk il-magħmudija: għax San Pawl b'idejh għammed ftit nies, u lill Insara l-oħra għammduhom il-Presbiteri, kull wieħed fir-raħal tiegħu.

Minn dan li rajna, jiftiehem li min qal li l-Grotta ta' San Pawl tar-Rabat hija l-ewwel knisja Nisranija ta' Malta, qal sewwa. Il-għidut tar-Rabat, id dokumenti ewlenija tad-drawwiet tal-Insara, il-post in-nifsu, jaqblu ħaġa b'ħaġa, u b'dan juru li kien hekk.

(*Jibqa' għal ħarġa oħra*)

# L-Istorja ta' San Pawl

(*Jorbot mal Għadd ta' qabel*)

F'Bereja wkoll kien hemm il-Lhud u kellhom sinagoga, u Pawlu u Silas nhar is-Sibt marru hemm, għat-tislija. Il-Lhud ta' Bereja kienu aktar nies sewwa mil-Lhud ta' Salonki, u lil Pawlu semgħuh bil-qalb u kienu jmorru jfittxu fil-Kotba biex jaraw jekk dak li qal hu kienx minnu. U għadd kbir fosthom emmnu; u emmnu wkoll għadd kbir ta' rġiel u nisa Pagani li kienu mxerkin mal-Lhud.

Malli semgħu dan il-Lhud ta' Salonki, marru Bereja biex jaqalgħu l-għakkux. Imma l-Insara ta' hemm ma tgħawhomx żmien, għalhekk lil Pawlu bagħtuh Ateni u lil Silas u lil Timotju, għal dak il-ħin, żammewhom hemm, bil-ħsieb li jibagħtuhom jilħqu lil Pawlu mill-aktar fis.

Pawlu baqa' jistenna lil sħabu f'Ateni, u nhar ta' Sibt kien imur jgħallem lil Lhud fis-sinagoga. U kif kien Ateni qabduh dwejjaq kbar, meta ra kif belt kbira u sabiħa bħal dik, mgħammra min-nies għorrief, kienet mogħtija kollha kemm hi għal qima ta' l-allat ħżiena. Għalhekk ma felaħx aktar u beda joħroġ kuljum fis-suq u jgħallem fuq Ġesù Kristu lin-nies li kienu jkunu miġbura hemm. Semgħu bih il-Filosfi ta' hemm, u għall-ewwel ma setgħux jifhmuh. Imma mbagħad dehrilhom li kien ġie biex idaħħal fid-din tagħhom xi allat ġodda. Għalhekk darba ħaduh fl-Arjupagu, biex jfissrilhom sewwa dak li ried jgħid.

L-Arjupagu kien għolja żgħira qrib il-belt, fejn fil-qedem kien jingħata l-qada tal-mewt, imma fiż-żmien li kien hemm Pawlu, kien qisu mitluq. Il-Filosfi ħaduh hemm biex ikunu mbegħda mill-ħsejjes tan-nies, ħalli jifhmuh sewwa. Pawlu, waqaf f'nofshom u qalilhom li kif kien miexi mat-toroq kien ra wieqaf maqdes imsemmi għal "alla-bla magħruf", u qalilhom li dak Alla-bla-Magħruf, kien ġie jgħarrafulhom huwa. Ftit ftit fi kliemu wasal f'Ġesù Kristu u fil-qawma ta' l-imwiet, uħud minn dawk il-Filosfi bdew jidħku bih, u oħrajn, biex ma jregħxuhx wisq, qalulu li għal dik id-darba biż-żejjed; jerġgħu jisimgħuh darba oħra. Imma xi ftit nies emmnu u saru Nsara wkoll. Kienet ir-Rebbiegħa jew is-Sajf tas-sena W. Kristu 51.

Pawlu sab li Ateni ma kenitx għalqa tajba biex fiha jinżara' d-Din Nisrani, għax kien hemm wisq għerf taddinja. Għalhekk telaq minn hemm u mar Korint, li kienet belt mimlija b'kull xorta ta' żena. Kif kien hemm iltaqa' ma' wieħed Lhudi, li ismu bir-Rumi kien Akwila u isem martu Pris-